MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 334/2007

**AMC Marketing Limited (C-18752)**

**Vs**

**Is-Sur Joe Deguara (I.D. 606562M) u s-socjeta' Jack Frost Frozen Foods Manufacturing Limited (C-11829)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm652.31c) rapprezentanti ammont ta' xoghol ta' 'disposables' illi l-konvenuti jew min minnhom xtraw minghand is-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm652.31c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------